# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 33**

**Rikors numru 576/09/1 RCP**

**Mediterranea Distribuzione S.r.L., soċjeta` estera reġistrata l-Italja bin-numru 02155040807, u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2022 ġew nominati Dr Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-istess kumpanija**

**v.**

**Jovan Mizzi u Unitrade Limited (C9456)**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell li l-konvenuti ppreżentaw fid-19 ta' April 2011 wara s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-30 ta' Marzu 2011 li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ddikjarat li l-konvenuti aġixxew b'mod illegali meta għamlu katnazz mal-bieb prinċipali tal-fond Gio Casa fil-bini Millenia, Triq Aldo Moro, Marsa. Ġie deċiż ukoll

li l-merkanzija li l-attriċi tat lil IFIX Trade Limited kienet *on consignment* u għalhekk il-konvenuti għandhom id-detenzjoni tal-istess mingħajr jedd. Dan wassal sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' €303,443.81 valur tal-merkanzija in kwistjoni. Il-parti dispożittiva tas-sentenza taqra hekk:

> *"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal- konvenuti nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-*
>
> *1. Tiddeċiedi u tiddikjara lli l-konvenuti solidalment aġixxew b'mod abbużiv u illegali meta qabdu u bil-forza waħħlu katnazz mal-bieb prinċipali tal-fond fuq imsemmi u ippossedew ruħhom illegalment mill-istess fond u mill-merċi tas-soċjeta attriċi u li għalhekk il-merkanzija li s-soċjeta attriċi kienet għaddiet lil IFIX Trade Limited on a consignment basis u li tinsab ġewwa l-Millenia, Aldo Moro Street, Marsa hija illegalment detenuta mill-konvenuta f'din il-kawża, u ċioe' Jovan Mizzi u Unitrade Limited solidalment.*
>
> *2. Tiddikjara illi l-valur tal-merci on consignment basis fuq riferit hi tal-valur ta' tliet mija u tliet elef, erba` mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81).*
>
> *3. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' tliet mija u tliet elef, erba' mija tlieta u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€303,443.81), rapprezentanti l-valur tal- imsemmija merkanzija.*
>
> *4. Bl-imghax tat-8% fuq l-ammonti fuq imsemmija mill- 11 ta' Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-konvenuti".*

2. Fit-13 ta' Lulju 2009 il-konvenuti ppreżentaw tweġiba maħlufa. Rilevanti għal dan l-appell hi t-tielet eċċezzjoni li taqra:

> *"3. Illi l-merkanzija in kwistjoni ma ġietx mgħoddija lil IFIX Trade Limited 'on consignment' iżda mibjugħa mill-atturi lill-istess IFIX Trade Limited".*

3. Il-kwistjoni f'din il-kawża titratta dwar merkanzija (*appliances* tad-dar) li l-kumpanija attriċi bagħtet lil IFIX Trade Limited li kellha tinbiegħ fl-istabbiliment "Gio Casa" fil-bini Millenia, Triq Aldo Moro, Marsa. Fond li IFIX Trade Limited kienet tikri mingħand Unitrade Limited. L-attriċi ssostni li l-proprjeta` tal-merkanzija baqgħet tagħha għaliex ingħatat biss *'on consignment'* lil IFIX Trade Limited. Min-naħa l-oħra IFIX Trade Limited sostniet li hi proprjetarja tal-merkanzija. Il-kwistjoni ġiet trattata u determinata fil-kawża li l-attriċi ppreżentat fl-4 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl v. Dr Richard Galea Debono bħala l-istralċarju ta' IFIX Trade Limited (Rikors 443/2011). Kawża deċiża b'sentenza li ngħatat fis-6 ta' Ottubru 2015 u li fiha l-Qorti Ċivili, Prim'Awla kkonkludiet li l-merkanzija ma baqgħetx proprjeta' tal-attriċi iżda saret proprjeta` ta' IFIX Trade Limited. Minn dik is-sentenza l-attriċi appellat. Madankollu fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020 il-Qorti tal-Appell iddiferiet l-appell *sine die*, u fid-19 ta' April 2021 l-appell mar deżert. B'hekk is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 saret ġudikat.

4. Fid-19 ta' April 2011 il-konvenuti appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti li ngħatat fit-30 ta' Marzu 2011. L-aggravji huma kollha marbuta mal-kwistjoni dwar min hu l-proprjetarju tal-merkanzija meritu tal-kawża. Illum m'hemmx ħtieġa li jiġu riprodotti l-aggravji tal-konvenuti ġialadarba hemm ġudikat dwar min hu proprjetarju tal-merkanzija meritu tal-kawża.

5. L-attriċi wieġbet permezz ta' tweġiba preżentata fl-24 ta' Mejju 2011 u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

6. L-appell kien appuntat għas-smigħ għas-seduta tal-14 ta' Lulju 2014. Imbagħad b'digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru 2015 din il-Qorti ordnat is-soprasessjoni tal-appell sakemm tkun deċiża l-kawża 443/2011. Din il-Qorti mmotivat id-deċiżjoni hekk:

> *"8....... Kif saru t-talbiet fil-kawża tallum l-eżitu jiddependi fuq jekk il-merkanzija baqgħetx proprjetà tal-attriċi jew saritx proprjetà ta' Ifix, u deċiżjoni dwar hekk ma tistax strettament tingħata f'din il-kawża li fiha Ifix ma hijiex parti għax il-proprjetà hija dritt in re u deċiżjoni dwarha ma tistax tingħata jekk mhux fi proċeduri fejn huma parti kemm il-pussessur u kemm ir-rivendikant. Id-deċiżjoni se mai għandha tingħata fil-proċeduri ta' stralċ, fejn hija parti kemm Ifix bħala s-soċjetà stralċjata u kif ukoll il-partijiet fil-kawża tallum bħala kredituri, u fejn għall-għanijiet tal-istralċ ikun meħtieġ illi ssir likwidazzjoni tal-assi tas-soċjetà stralċjata.*
>
> *9. Sewwa jgħidu għalhekk il-konvenuti rikorrenti illi d-deċiżjoni fil-kawża tallum għandha tistenna deċiżjoni finali dwar il-proprjetà tal-merkanzija fi proċeduri li jorbtu lill-partijiet kollha interessati,iżda dawk il-proċeduri ma humiex dawk mibdija bir-rikors maħluf numru 443/2011 iżda l-proċeduri ta' stralċ ta' Ifix.*
>
> *10. Għalkemm it-talba ma saritx għall-waqfien tal-proċeduri sakemm jintemmu l-proċeduri tal-istralċ, il-qorti għandha s-setgħa tordna wkoll sua sponte l-waqfien tal-proċeduri meta dan ikun xieraq jew meħtieġ bħal fil-każ tallum. Għalhekk tipprovdi billi tordna illi jieqaf is-smigħ ta' dan l-appell sakemm fil-proċeduri ta' stralċ ta' Ifix ikun hemm deċiżjoni finali dwar jekk il-merkanzija li dwarha saret il-kawża tallum hijiex tas-soċjetà attriċi jew hijiex ta' Ifix".*

7. Bis-sentenza li ngħatat fis-6 ta' Ottubru 2015 fil-kawża 433/2011, ġie determinat darba għal dejjem li IFIX Trading Limited hi s-sid tal-merkanzija. It-talbiet tal-attriċi setgħu jintlaqgħu biss jekk tat prova li l-

merkanzija kienet ingħatat *on consignment* lil IFIX Trading Limited. Kwistjoni determinata b'mod definittiv bis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015. Ġialadarba b'dik is-sentenza ġie stabbilit li l-attriċi mhijiex proprjetarja tal-merkanzija meritu tal-kawża, l-attriċi ma tistax tirnexxi fit-talbiet li għamlet. Għalhekk l-appell ser jintlaqa'.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2011 u filwaqt li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attriċi. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr